MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2012

Avviz Numru. 232/2010

**Anthony Muscat**

**vs**

**Mario Farrugia u b'digriet moghti fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2011 giet kjamata in kawza Ritan Grima**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fil-25 ta' Gunju, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hamest elef, mitejn u tmienja w ghoxrin Ewro w sitta w hamsin centezmu (€5,228.56) in kwantu ghal tlett elef, hames mija w sittin Ewro (€3,560) kera ta' hanut "Good Choice Shop", Triq il-Granmastri, M'Scala ghall-perjodu 12 ta' Frar 2009 sal-31 ta' Jannar 2010, kwantu ghal sitt mija w tnejn u sebghin Ewro u hames centezmi (€672.05) valur ta' l-istock mibjugh lill-konvenut, u kwantu ghal disgha mija w sitta w disghin Ewro w wiehed u hamsin centezmu (€996.51) ta' konsum ta' dawl u ilma

relattiv ghall-hanut ghall-perjodu li l-konvenut kien fil-pussess tal-hanut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali (Art 166A) tad-9 ta’ April 2010 u tal-Mandat ta’ Sekwestru ta’ llum u bl-imghax legali mid-9 ta’ April 2010 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut pprezentata minnu fil-15 t’Ottubru 2010 fejn eccepixxa s-segwenti:

*“l. Illi preliminarjament huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur ta’ l-azzjoni u t-talbiet tar-rikorrent, in kwantu huwa ma kellu u lanqas ghandu ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u in pessima ipotesi t-talbiet tar-rikorrent kellhom isiru fil-konfront ta’ Ritan Grima ta’ Bixkillina, Triq Nardu Sacco, z-Zurrieq li taghha l-esponenti qieghed jitlob il-kjamat in kawza.*

*2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-Qorti ma hijiex kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti in kwantu t-tribunal kompetenti huwa l-Bord li Jirregola l-Kera.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet tar-rikorrenti ghandhon jigi michuda inkwantu huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat fil-mori ta’ dawn il-proceduri.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat Mario Farrugia ma ghandux ibati l-ispejjez ta’ din il-procedura kif ukoll dawk relatati mal-ittra ufficcjali prezentata mir-rikorrent nhar id-9 ta’ April 2010 in kwantu din l-ittra hija nulla ai fini u l-effetti kollha tal-ligi.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.”*
Rat il-verbal tal-Qorti tad-19 ta’ Ottubru 2010 fejn Dr. Franco Galea ghall-konvenut indika l-Artikolu 1525(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, bhala l-artikolu li fuqu

bbaza t-tieni eccezzjoni tieghu dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti.

Semghet il-partijiet jittrattaw din it-tieni eccezzjoni fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2010, stante li din tittratta dwar l-allegata nkompetenza ta' din il-Qorti.

Rat illi l-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza preliminari fuq din l-eccezzjoni.

Rat li fis-sentenza preliminari li tat din il-Qorti fl-ismijiet premessinhar it-3 ta' Dicembru, 2010 it-tieni eccezzjoni tal-konvenut giet michuda u l-Qorti ghaddiet bis-smiegh tal-provi dwar il-mertu.

**Anthony Muscat** xehed nhar l-10 ta' Jannar 2011 fejn qal li ghandu hanut 39, Triq il-Granmastri, Marsaskala. Spjega li effettivament kien krieh lill-konvenut Mario Farrugia li gharaf prezenti fl-Awla. Kien ftiehem mal-konvenut li l-hanut kien ser ikun mikri ghal ghaxar Ewro (€10) kuljum. Naturalment f'din l-iskrittura hemm ukoll referenza ghall-istokk li kien hemm u min kien ser ihallas il-kont tad-dawl u ilma.

Ix-xhud kompla jghid li l-konvenut qatt ma ghamel pagament u l-post rega jinsab ghandu. Kien ilu sena li hadu lura. Il-ftehim li hemm esebit a fol 2 inkitbet appena l-konvenut telaq il-post. Mistoqsi jekk il-konvenut ghamiltx pagament dwar l-ammont ta' €3560 kif indikat fid-dokument a fol 2, wiegeb fin-negattiv. Iddikjara li a fol 3 ta' l-atti hemm ukoll kont tad-dawl u ilma fl-ammont ta' €996.51 li jkopri l-perjodu meta dan il-post kien f'idejn il-konvenut. Ix-xhud qal illi dan il-kont ma thallasx lanqas. Esebixxa wkoll dokument li gie mmarkat bhala Dok AM u din tirreferi ghall-istokk u cioe' affarijiet li kien hemm fil-hanut liema oggetti nbieghu mill-konvenut meta kellu l-kirja tieghu. Ikkonferma li l-konvenut ma hallas xejn mit-tlett (3) ammonti imsemmija fl-iskrittura. Kull meta kien ikellmu dwarhom kien jghidlu biex jaghtih cans sabiex jirrangaw kollox. Huwa qaghad fuq il-kelma tal-konvenut peress li kellhom relazzjoni li kienet ilha ghaddejja xi ghoxrin (20) sena, hu kien jaccetta li kien jghidlu.

Mistoqsi jekk effettivament kellux kirja originali bil-miktub qabel ma effettivament il-konvenut ha l-fond f'idejh qal li le, bil-miktub ma kien hemm xejn. Mistoqsi jekk hux minnu li effettivament il-kirja ghamlitha Ritan Grima, huwa qal li ma kienx minnu. Mistoqsi jafx min hi Ritan Grima, huwa rrisponda li jafha u hija l-girlfriend ta' Mario Farrugia. Jghid li kien hu li kiteb l-indirizz fid-dok AM a fol 2 tal-atti u cioe' l-indirizz Pisccellina, Triq Nardu Sacco, Zurrieq, kif ukoll id-data. Ix-xhud kompla jghid illi Ritan Grima qatt ma kienet prezenti meta ghamlu l-istock taking  jew meta iffirmaw dawn il-karti – dejjem kienu jkunu hu u Mario Farrugia wahedhom. Lanqas ma jaf li effettivament l-istokk gie mehud minn Ritan Grima. L-attur qal illi l-kirja in kwistjoni spiccat fil-31 ta' Jannar 2010 u cioe' meta ha c-cwievet lura. Jaqbel pero' illi l-kont li baghat huwa sa Frar tas-sena 2010. Ic-cwievet kien tahom lil Mario Farrugia fil-bidu ta' Frar 2009 pero' kien tah ftit jiem b'xejn sakemm jilhaq jidra u ghalhekk ikkalkula mit-12 ta' Frar. In-nutar li marru biex jiffirmaw il-konvenju meta l-konvenut ma kienx mar kien Dr. Jonathan Zammit li jpoggi Rahal Gdid.

Rat li **l-konvenut Mario Farrugia,** nhar l-10 ta' Jannar 2011, kien ikkonferma li d-dokument a fol 2 tal-process huwa il-ftehim li sar bejnu u bejn l-attur u zied jghid illi fil-parti t'isfel ta' dan id-dokument hemm il-firma tieghu.

Il-konvenut **Mario Farrugia** xehed nhar it-3 ta' Frar 2011 u kkonferma li huwa u Ritan Grima huma partners u kienu ftehmu li jifthu hanut. Huwa qal li kien jaf li l-attur Anthony Muscat kellu hanut maghluq u kien staqsih xi affarijiet dwaru. Dan kien f'Jannar tas-sena 2009. Kien mar jara dan il-hanut ma' Anthony Muscat bil-patt però li kellha tarah ukoll Ritan Grima. Staqsih kemm kienet il-kirja u qallu li ried ghaxar ewro (€10) kuljum. Sussegwentement Ritan nizlet u rat il-hanut u ghogobha. Bil-kitba però ma kien sar l-ebda ftehim.

Il-konvenut kompla jghid illi xi tlett (3) xhur wara li hadu l-hanut kienu marru  ghand in-nutar Dr Lawrence Pullicino l-Fgura. Il-kuntratt kellu jsir bejn Anthony Muscat l-attur u Ritan Grima, però jaf li kien hemm terza persuna involuta

u ghalhekk minhabba cirkostanzi li ma jafx x'kienu, l-kuntratt ma sarx. Jaf illi kien hemm xi konvenju pendenti bejn din it-terza persuna u Muscat. Il-hanut kien jismu *Good Choice* u Ritan bidlet ismu ghal *Inspirations*. Il-VAT fuq dan il-hanut huwa f'isem Ritan u sa fejn jaf hu l-permess ukoll hareg fuq Ritan. Spjega illi kull ma ghandu f'ismu huwa karta li rcieva minghand l-attur ammont ta' zmien wara. Huwa sostna li kien qal lill-attur li kien ser jiffirma dan id-dokument li kien baghtlu f'isem Ritan ghaliex in-negozju kien taghha. Tenna li din il-karta hija dik esebita a fol. 2 u giet moghtija lilu wara li kien inghalaq il-hanut.

Mario Farrugia qal illi effettivament kienu ghalqu l-hanut qabel il-Milied. Hu qal illi l-ID card ta' Mario Farrugia indikat fid-dokument a fol. 2 mhix tieghu. L-ID card tieghu huwa 241461. L-indirizz *Bixkillina*, Triq Nardu Sacco, iz-Zurrieq, huwa l-indirizz ta' Ritan Grima u mhux tieghu. Huwa joqghod *Slaches*, Triq it-Tigrija, is-Siggiewi. Ix-xhud wera lill-Qorti u lill-kontro-parti l-Karta ta' l-Identita' tieghu.

Qal ukoll li meta hadu l-hanut dan kellu xi 'stock' izda meta irritornawh dawn hallew ukoll xi 'stock' go fih. Huwa kompla jghid illi Ritan Grima kienet gabet vann minn *John's Garage* u ghabbiet xi xoghol li kellu l-attur u haditu Birzebbuga go garaxx taghha.

Il-konvenut tenna li meta Anthony Muscat kien urieh il-hanut dan qallu li ried ghaxar ewro (€10) kuljum u huwa kien wiegbu li kellu l-ewwel jurih lil Ritan Grima u s-Sur Muscat kien qallu "ahdem, imbaghad nirrangaw." Qal li huwa gieli kien fil-hanut wahdu u dan meta ma kienx ikun xoghol mal-Gvern. Il-Hadd però ma kienx ikun hemmhekk. Ma jiftakarx effettivament fejn is-Sur Muscat tah c-cavetta. Però jaf li kien tah c-cavetta ghaliex kien hu li nnegozja mieghu. Jista' jkun li kien baghtlu c-cavetta lura permezz tat-tifel tieghu ghaliex kien bil-leave. Huwa qal li joqghod is-Siggiewi. Ikkonferma wkoll lu hu minnu li mhux mal-mara. Il-mara tieghu toqghod is-Siggiewi ukoll però mhux fl-istess triq tieghu.

Il-konvenut fix-xhieda tieghu irrepeta li d-dokument a fol 2 iffirmah f'isem Ritan Grima u kien qal lill-attur li kien qed jaghmel hekk. Jaf li Ritianne tahdem go travel agency. Tenna li jaf ghal xiex iffirma ghax jaf jaqra, però qallu li kien qed jiffirma ghan-nom taghha. Ma tantx qrah dan id-dokument qabel ma iffirmah. Jaf li dak iz-zmien Anthony Muscat kellu konnessjoni kbira ma' Ritan u x'kien jinghad bejniethom meta jmur fl-ufficcju taghha ma jafx. Dak iz-zmien ma kienx ghadu partner ta' Ritan. Vera kien jghaddilu l-kont tad-dawl u l-ilma waqt li kien ikun fuq ix-xoghol u huwa kien jghaddih lil Ritan. Però qatt ma qallu li l-kont ma kienx qed jithallas.

Farrugia sostna illi wara dan il-hanut kien hemm store u hemmhekk il-kont thallas minn Ritan permezz ta' cekk. Huwa minnu li ghamel zmien joqghod mal-partner tieghu Ritan. Hu qal li kien ilu mhux ma Ritianne u jghix fir-residenza tieghu s-Siggiewi ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin. Dan l-istess indirizz li hemm miktub fuq id-dokument a fol 2 u l-attur gabu minn fuq ix-xoghol tieghu. Fil-fatt qal illi l-ewwel ittra li rcieva minghand Muscat kien fuq ix-xoghol San Vincenz.

Rat ix-xhieda ta' **Ritan Grima** moghtija fl-istess jum fejn kkonfermat li hija kellha relazjoni ma' Mario Farrugia il-konvenut. Mario Farrugia dejjem wera x-xewqa li jiftah hanut – effettivament kien xtaq li jiftah hanut ta' grocer. Huma dejjem marru jaraw postijiet però fil-fehma taghha qatt ma kienu tajbin ghall-bzonnijiet tieghu. Darba minnhom kien cemplilha fuq ix-xoghol, ghaliex hija tahdem bhala travel agent, u tiftakar li nizlet mieghu u rat hanut Marsascala u qaltlu li dan il-hanut ma kienx addattat biex jinfetah bhala grocer. Ritan Grima qalet hu li qaghad fuq il-kelma tieghha. Nonostante dan kollu Mario xorta wera x-xewqa li jiftah hanut. Taf li wara xi zmien kien marad u kellu bzonn xi operazzjoni. Hija sostniet illi Mario huwa bniedem habrieki hafna, jahdem ħafna, u ma setghax ikun li jibqa' jahdem bhala bennej fil-hin liberu tieghu.

Hija kompliet tghid li l-konvenut qalilha li l-attur kien se jtih hanut biex jifthu bhala prova u staqsietu biex kien se

jarmah u qallha li effettivament dan Anthony Muscat kellu xi stock ta’ hwejjeg, sa fejn taf hi infatti l-istock li kien hemm kien jappartjeni lill-kugin tas-Sur Muscat.

Mario qalilha wkoll li kellu bzonn xi flus biex jiftah dan il-hanut u qaltlu li kienet se tmur tiehu overdraft mill-bank. Naturalment kollox kien f’isimha, il-loan kif ukoll l-‘account’ u hija kienet taghmel tajjeb bil-proprjetà taghha mal-Bank. Is-Sur Farrugia ha hsieb li d-dokumenti johorgu kif xtaq il-bank. Ix-xhud ikkonfermat li effettivament l-istock li xtara s-Sur Farrugia minghand is-Sur Muscat iffirmat ghalihom hi b’cekkijiet minn taghha. Hija qalet ukoll illi kienet halset xi somma flus permezz ta’ cekk u kienet taghtu lil Anthony Muscat f’garaxx li kien hemm wara dan il-hanut. Taf li sussegwentement is-Sur Muscat mar ghandha u qata’ xi biljett tal-ajru; taf li hallasha, però qatt ma qallha li kien hemm xi somma flus dovuta, u kienu tkellmu fuq kollox hlief fuq din il-kwistjoni.

Rat li fis-16 ta’ Marzu, 2011 giet prezentata nota tal-konvenut b’diversi dokumenti mghoddija lilu mix-xhud Ritan Grima.

Rat li fit-18 ta’ Lulju, 2011, il-kjamata in kawza Ritan Grima pprezentat n-nota ta’ eccezzjonijiet taghha fejn eccepiet bir-rispett:

*1. “Illi l-introduzzjoni tal-intimata f’dawna l-proceduri da parti tal-konvenut Mario Farrugia hija kompletament vessatorja u infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*2. Illi l-esponenti ma ghandha assolutament l-ebda relazzjoni ma’ l-attur Anthony Muscat u*
*a. Qatt ma kriet hanut minghandu;*
*b. Qatt ma xtrat stock minghandu*
*c. Qatt ma tista’ b’xi mod tkun responsabbli ghall-konsum tad-dawl u ilma fil-hanut “Good Choice Shop” Triq il-Granmastri, Marsascala.*

*3. Illi l-istess hanut kien mikri fil-perjodu effettiv lil konvenut Mario Farrugia kif jidher mill-iskrittura ezebita*

*mill-attur stess mar-rikors li tinstab a fol 2 tal-process u kif del resto jirrizulta mix-xhieda tieghu fl-istess atti."*

Fit-18 ta' Ottubru, 2011 il-**kjamata in kawza Ritan Grima** pprezentat affidavit taghha stess fejn iddikjarat li tichad l-allegazzjoni li ghamel Mario Farrugia fejn hi ghandha tkun responsabbli ghat-talbiet tal-attur Anthony Muscat ghal pagament ta' kera, stock u arretrati ta' kontijiet ta' dawl u ilma dwar hanut f'Marsascala. Hija ziedet li hi kienet f'relazzjoni ma' Mario Farrugia fi zmien li l-intimat kera l-hanut minghand l-attur izda ma kienx hemm il-hsieb li joperaw jew jikru l-hanut flimkien.

Ritan Grima qalet li hi marret tara l-hanut ma' Mario Farrugia biex ittieh parir dwar jekk ghandux jikrih jew le u hi rat li ma kienx addattat ghal *grocery store*. Hija kkonfermat li Mario Farrugia kien dahal fil-hanut fejn qalilha li diehel bi prova biss u minghajr irbit u minghajr ma jhallas kera lil Anthony Muscat sakemm jaqbad. L-intimat iddecieda li jbiegh il-hwejjeg minn dan il-hanut u Ritan Grima ssuggerietlu l-isem "Inspirations". Hija qalet li qatt ma kellha cwievet tal-hanut u kienet taf li l-intimat kellu c-cwievet qabel l-appuntament man-nutar imsemmi fix-xhieda tieghu.

Ritan Grima stqarret li dak iz-zmien Mario Farrugia kellu l-problemi mal-*VAT Department* u hi accettat li l-intimat juza l-*VAT number* taghha sakemm jirranga kollox u wara jaqilbu fuq ismu. Hu kellu bzonn il-flus biex jixtri l-istock u talab lil Ritan Grima biex tiehu loan mill-bank f'isimha ghax hu ma setghax jiehu 'loans' minhabba xi affarijiet pendenti mal-mara tieghu fuq is-separazzjoni personali. Hija hadet il-loan pero' il-bank eziga illi l-permessi tat-Trade Department ikunu fuq isimha. Hija qalet li Mario Farrugia kien jiffirma biss *delivery notes* tal-istock li kien jixtri ghax rathom. Qalet li Sandra Pace Scotto bieghet *stock* ta' *greeting cards* lil Mario Farrugia u giet aggredita mill-intimat meta marret biex tigbor il-flus tant li sofriet ksur f'idejha u hemm proceduri kriminali pendenti kontra Mario Farrugia.

Ritan Grima qalet li l-konvenut kien jghix maghha meta ha l-hanut minghand l-attur, izda wara ftit xhur keccietu mid-dar ghax qalet li kien jigdbilha u gabilha hafna nkwiet inkluz minacci tant li kellha ggiblu l-Pulizija d-dar anke biex tkeccieh. Wara hu kien hadilha c-cavetta tad-dar taghha bil-forza u dahal id-dar taghha u kissrilha xi ghamara u manku ta' bieb. Hija qalet li ma tantx kellha kuntatt ma' Anthony Muscat - ratu l-ewwel darba meta l-konvenut hadha tara l-hanut u darb'ohra meta mar xtara xi biljetti minghand Mondial Travel, Hamrun, fejn kienet tahdem dak iz-zmien. Hija cahdet li qatt awtorizzat lil Mario Farrugia biex jiffirma f'isimha, la verbalment u lanqas bil-kitba.

**Ritan Grima** regghet xehdet nhar il- 25 ta' Jannar 2012 u spjegat li Mario Farrugia iddecieda li jaghlaq il-hanut b'urgenza, u ma kellux fejn ipoggi l-istokk li kien fadallu u talabha sabiex forsi tipprovdi post alternattiv fejn jista' jaghmel dan l-istokk. Taf li huwa gabar l-istokk kollu gorbogg, go basktijiet u offrietlu c-cwievet ta' garaxx li kellu missierha. Qalet li dan l-istokk gabar hafna moffa u minkejja dan rat x'kien hemm f'dawn il-boroz u sabet certu dokumentazzjoni li xtaqet tesebixxi. Fil-fatt kien hemm dokumentazzjoni mahruga mill-ETC li jindika li Mario Farrugia kien wehel xi penali ghaliex kien qed ihhaddem xi nies bla permess. Iddikjarat li lanqas kienet taf b'din kwistjoni qabel ma sabet din id-dokumentazzjoni. Din id-dokumentazzjoni giet esebita u mmarkata bhala Dokument A. Tenniet ukoll li kien hemm id-dokumentazzjoni tal-Melita Cable fejn Mario Farrugia applika sabiex jkollu telephone fuq ismu u din giet markata bhala Dokument B. Hemm ukoll xi tip ta' agreement mahrug mill-Maltco li gie mmarkat bhala Dokument C. Hemm ukoll dokumentazzjoni ma' Simmonds li Mario Farrugia mela bil-'particulars' u l-Identity Card number taghha, pero' fuq wara hemm il-firma tieghu. Din giet immarkata bhala Dokument D. Qalet li prokura qatt ma' tat lil Mario Farrugia la verbalment u lanqas bil-miktub sabiex jiffirma f'isimha.

**Sandra Pace** ukoll xehdet nhar il-25 ta' Jannar 2012 u spjegat illi hija tahdem bhala '*sales representative*' ma'

John G. Cassar. Tiftakar li s-socjeta' li kienet tahdem maghha kienet tibaghtha go hanut imsejjah Inspirations go Marsaskala li fih kien hemm Mario Farrugia, u dan sabiex ibiegh il-cards. Jista' jkun li kienet tbieghlu wkoll xi affarijiet ta' xaghar li kellhom x'jaqsmu mas-sezzjoni taghha. Qalet li kien ikollha x'taqsam ma Mario Farrugia tant li kienet anke tigbor il-flus minghandu. Fil-fatt ghamlet tlett (3) 'deliveries' ghandu. F'zewg okkazjonijiet kienet iltaqghet ma' Mario Farrugia u darba minnhom kienet iltaqghet ma' 'sales girl' minn tieghu. Mistoqsija jekk tafx lil Ritan Grima, wiegbet li dak iz-zmien ma' kienetx tafha. Saret tafha wara xi zmien meta marret tiehu xi 'quotation' minhabba xi vjagg u fil-fatt bdiet titkellem maghha u hemmhekk Ritan qaltilha li ghaddiet mill-istess problemi taghha. Qatt ma inghatat x'tifhem li Ritan kellha x'taqsam ma' dan il-hanut. Qalet ukoll li kienet marret mal-'financial controller' ghand Mario Farrugia u kienu ghamlu ftehim li hija kellha tiehu nota tax-xoghol li kien effettivament ser jigi irrittornat lura lill-kumpanija. U fil fatt kellhom appuntament sabiex jiltaghqu mieghu it-Tnejn ta' wara. Ritan pero' ma' iffukkat imkien. Fil-fatt il-ftehim kien sar bejn il-'financial contoller' taghhom u Mario Farrugia. Sehqet li fil-fatt kien Mario Farrugia li kien cempel l-ewwel darba ghal xi ordni u kienet marret ghandu skond ir-rotta li kien imiss. Il-fatturi ma kienetx tohroghom hi izda kienet tohroghom il-kumpanija ma' min kienet impjegata. Il-fatturi kienu johorgu fuq il-hanut Inspirations, Marsaskala. Fil-fatt qalet li Mario Farrugia kien jghidilha li huwa sid il-post u fil-fatt sahansitra anke kien qalilha jekk kellhiex xi problemi mas-'sales representative' l-iehor li kien jiehu hsieb it-'toys'. Mhux minnu dak li gie allegat lilha li l-ordnijiet kienu isiru mill-ufficcini tal-Mondial fejn kienet tahdem Ritan Grima. Qalet li effettivament qatt ma nghatat flus minghand Mario Farrugia, u kien hemm is-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) li kellhom jingabru fuq 'card', il-hanut kien ser jaghlaq u hi kellha tiehu nota ta' l-affarijiet u li kellhom jingiebu lura mhux flus.

**Mario Farrugia** xehed fis-7 ta' Marzu 2012 fejn gie muri Dokument A esebit a fol 69 tal-atti li huwa 'invoice' mahrug mill-Melita. Iddikjara li kien jghid lil Ritan Grima li kienu ser jinstallaw dan it-'telephone' mal-Melita u mistoqsi mill-Qorti ghaliex effettivament l-applikazzjoni

saret f'ismu, wiegeb li din saret hekk peress li hu kien ikun fil-hanut. Tenna li mhux minnu li kellu xi inkwiet mal-VAT Department. Dwar l-applikazzjoni tal-Malta Lotteries esebita at fol 73 qal l-istess haga li qal fil-konfront tal-Melita. Peress li kien ikun fil-hanut deherlu li kellu japplika f'ismu. Sahaq li l-komunikazzjoni li kien hemm mal-Maltco Lotteries pero' saret dejjem ma' Ritan Grima, pero' l-ittra setghet giet indirizzata lilu peress li hu kien ikun fil-hanut. Jiftakar li effettivament kienu gew l-impjegati tal-ETC, staqsewh jekk kienx registrat mal-ETC u effettivament qalilhom li kien jahdem mal-Gvern u ghalhekk ma kienx registrat ghax-xoghol. Ftakar ukoll li effettivament Ritan Grima kellha habib li kien jahdem ma' Farsons u kienet gabitu u flimkien ghamlu applikazzjoni sabiex jaghtihom 'fridge' biex ibieghu il-prodotti ta' Farsons u qal li huwa minnu li fuq il-parti ta' wara ta' dan il-ftehim hemm il-firma tieghu. Meta avzahha li ma kienx bi hsiebu jkompli jahdem f'dan il-hanut kienet baghatitlu vann ta' *John's Garage* u qaltlu li kienet ser tpoggi ix-xoghol gewwa garaxx f'Birzebbuga. Wara ftit pero' regghet cemplitlu, huwa in segwitu tela' il-Hamrun sabiex jigbor il-vann u gab tnejn minn nies biex jghinuh u dan peress li kienet qed tghidlu biex ifittex jehles u jbattal il-hanut u ghalhekk pogga l-affarijiet kollha fil-garaxx ta' Birzebbuga, liema garaxx huwa propjeta' taghha. ikkonferma li ma' John G. Cassar, l-ordnijiet kienu jsiru minn gewwa l-ufficju tal-Mondial u kienu jsiru minn Ritan Grima, u sussegwentament ix-xoghol kien imur Marsaskala. Jiftakar mbaghad kienet marret xi rapprezentanta ta' John G. Cassar biex tara x'kien fadal biex jordnaw xoghol, u hu qal lil certu Sandra Pace li kienu ser jaghlqu il-hanut. Ritan Grima kienet qaltlu li Sandra Pace kienet gejja biss biex tara x'kien hemm kartolini neqsin u qaltlu li minflok fi flus kienet ser tithallas bil-'hair pins' ta' John G. Cassar. Imbaghad inqala' argument maghha, huwa kien informa lil Ritan Grima dwar dan u kienet hi li cemplet lid-dirigenti ta' din l-istess socjeta'. Gie muri dokument esebit fl-atti a fol 2, u l-konvenut qal li dan id-dokument m'ghandu x'jaqsam xejn mal-hanut in kwistjoni. Tenna li kellu hanut gewwa Haz-Zebbug u dan id-dokument kien gie moghti lilu mis-sur Muscat. Qal li dan id-dokument kien gie ghandu meta kienu diga' telqu mill-post minn Marsaskala, bejn wiehed u

iehor xi xaharejn u nofs, tlieta wara. Sostna li hu iffirma dan id-dokument kif inhu illum, pero’ l-indirizz li hemm indikat fuqu Bixkillina mhux tieghu imma ta’ Ritan Grima, u li l-ID Card number li hemm fuq dan id-dokument mhux tieghu lanqas; ma’ jafx ta’ min hu. Jiftakar li kien mar meta kien hin tan-nies u kien talbu biex jiffirmalu, fejn kien ser ihallsu parti, parti u l-konvenut qallu ‘ok’ u kien ser jinforma lil Ritan Grima dwar dan. Tenna li l-flus li kien jaqla’ mill-hanut dejjem lil Ritan tahom. Jghid li meta kellu relazzjoni ma’ Ritan Grima, kienu jghixu xi zmien il-Qrendi u wara ukoll fiz-Zurrieq. Huwa minnu li hu ghamel xi zmien jghix fil-post, Bixkillina, Triq Nardu Sacco, Zurrieq. Il-post kien ghandhom minn Frar 2009 u kien ghalqu qabel il-Milied ta’ l-istess sena. Ic-cwievet tal-post tawhom lis-sid lura tramite it-tifel tieghu. Sett cwievet wiehed kien hemm, u Ritan ma’ kellhiex kopja. Qal li t-tifel taghhom kien jghix maghhom iz-Zurrieq u meta kien telaq, it-tifel baqa’ jghix ma’ Ritan Grima fil-post. Farrugia qabad u ffirma bla ma’ qaghad jaqra u ghalhekk hemm miktub li l-post krieh hu, pero’ is-Sur Muscat kien jaf. L-ID Card Number tal-konvenut huwa 241461M u jaf li dan l-identity Card muri fid-Dokument 2 huwa tas-‘security man’ li jahdem mieghu fuq il-post u jismu wkoll Mario Farrugia. Mistoqsi minn fejn gab in-numru is-sur Muscat u cioe’ dak indikat bhala ID Card Number 241460 wiegeb li ma jafx. Qal li huwa minnu li prokura minghand Ritan Grima qatt ma’ kellu, izda mhux minnu li kien hu li kera u cempel biex jiehu l-vann ta’ *John’s Garage*. Mhux minnu li hi lilu taghtu il-garaxx bhala pjacir u lanqas hu minnu li lilu hallietu juzah b’xejn. Il-garaxx kien dejjem ta’ Ritan Grima u dejjem hi zammet ic-cwievet u qal li effettivament Ritan Grima sselfet il-vann peress li hi ghandha habiba li tahdem ma’ *John’s Garage*, liema habiba kienet sahansitra tigi ghandhom gewwa Z-Zurrieq. Qal li certu affarijiet li kienu ta’ certu valur gew mehuda gewwa garaxx il-Hamrun sabiex jinbieghu, pero’ dwar dan ma jaf xejn. Jaf fejn hadhom ghax naturalment hadhom hu pero’ ghand min haduhom ma jafux. Tenna li l-indirizz miktub fuq id-dokument at fol 2 mhux miktub minnu. Huwa jahdem flimkien mas-sur Muscat u Mario Farrugia l-iehor. Illum il-gurnata jahdem St Lukes.

**L-attur Anthony Muscat** xehed ukoll fis-7 ta’ Marzu 2012 fejn gie muri d-dokument a fol 2 tal-atti, l-indirizz muri fuq dan id-dokument gie miktub minnu, u l-id card number kien gabu huwa mix-xoghol.  Anke l-indirizz kien gabu mix-xoghol, u dan peress li meta gie biex jikteb dan id-dokument ma kienx hemm aktar kuntatti ma’ Mario Farrugia. Mistoqsi jekk l-indirizz li ghandu Mario Farrugia fuq ix-xoghol huwiex dak taz-Zurrieq, qal li le. L-indirizz li kien hemm fuq ix-xoghol huwa dak li kellu is-Siggiewi, u l-ittri kienu jigu ritornati lura lilu, pero’ mbaghad kienu qalulu tax-xoghol li huwa kien qed jghix iz-Zurrieq, pero’ fl-identity card tieghu, dan l-indirizz taz-Zurrieq mhux muri. Huwa minnu pero’ li l-attur jahdem fuq l-istess post tax-xoghol ta’ Mario Farrugia, pero’ ma’ kienux qeghdin jitkellmu naturalment minhabba din il-kwistjoni. Mistoqsi jekk kienux marru ghand in-nutar qal li iva kienu marru ghand in-nutar Zammit u tlett darbiet hallieh jistenna u Mario Farrugia ma’ jmurx. Mistoqsi jekk effettivament fil-fatt kienet Ritan Grima li ma marritx u mhux Mario Farrugia, iwiegeb li il-ftehim tieghu dejjem ma’ Mario Farrugia ghamlu, dejjem mieghu tkellem. Mistoqsi jekk effettivament Mario Farrugia qattx semmielu l-persuna ta’ Ritan Grima, hu jaf li darba minnhom kien gab lir-Ritan Grima biex juriha il-hanut.

Rat in-nota tal-kjamata in kawza  Ritan Grima prezentata fl-atti nhar l-11 a’ Lulju 2012 seduta stante li permezz taghha hija pprezentat tlett dokumenti li gew immarkati bhala Dok RG2 u RG3 fir-rigward ta’ fattura mahruga minn Calypso Manufacturing ltd ghal *canopy* u *delivery note* iffirmata minn Mario Farrugia, Dok RG4 li huwa fethim bejn British American Tobacco (Malta) u Mario Farrugia dwar l-installazzjoni ta’ makna li tbiegh is-sigaretti fil-hanut u Dok RG5 li huwa ftehim bejn Monte Cristo Vineyards u Mario Farrugia dwar il-provizjoni ta’ *beer cooler* ghal hanut.

Rat li l-avukati tal-partijiet kollha koncernati awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur originarjament kien intavola dan ir-rikors kontra l-konvenut Mario Farrugia u dan a bazi tal-premessa li kien krielu hanut maghruf bl-isem 'Good Choice Shop' fi Triq il-Granmastri M'Scala ghall-perjodu mit-12 ta' Frar 2009 sal-31 ta' Jannar 2010 u kellu ihalsu is-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta' hamest elef, mitejn u tmienja w ghoxrin Ewro w sitta w hamsin centezmu (€5,228.56) rappresentanti in kwantu ghal disgha mija w sitta w disghin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€996.51) konsum ta' dawl u ilma relattiv ghall-hanut ghal perjodu li l-hanut kien f'idejn il-konvenut u in kwantu ghal sitt mija w tnejn u sebghin Ewro u hames centezmi (€672.05) valur ta' l-istock mibjugh lill-konvenut u tlett elef, hames mija w sittin Ewro (€3,560) il-kera tal-fond mikri lilu. Illi nonostante diversi interpellanzi l-konvenut ma hallasx lill-attur, baqa' inadempjenti u kien ghalhekk li kellha tigi intavolata din il-kawza. Minn naha tieghu il-konvenut jghid li huwa mhux il-legittimu kontradittur izda hija l-ex-partner tieghu Ritan Grima u li kien ghalhekk li talab il-kjamat in kawza taghha. Il-Qorti kienet laqghet it-talba u l-istess Grima fir-risposta taghha sostniet li hija ma kellha x'taqsam xejn mal-kiri ta' dan il-hanut tant li kien l-konvenut li ha il-kirja tal-hanut u ghalhekk hu responsabbli ghall-konsum tad-dawl u ilma tal-hanut u li xtara l-istock u in oltre ghal dak kollu li ghamel fil-hanut.

Illi l-konvenut kien ta zewg eccezzjonijiet preliminari fir-risposta tieghu u cioe' fl-ewwel lok li huwa mhux il-legittimu kontradittur tal-attur u fit-tieni lok li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza li tisma' dan il-kaz izda huwa il-Bord li jirregola l-Kera li ghandu il-kompetenza. Il-Qorti rat li dwar it-tieni ecezzjoni diga' nghatat sentenza preliminari u ghalhekk sejra f'dan l-istadju biss titratta l-eccezzjoni l-ohra dwar il-kwistjoni ta' legittimu kontradittur qabel ma tidhol sabiex tifli l-provi f'kaz li jirrizulta li tali eccezzjoni tal-konvenut m'ghandhiex tigi milqugha.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali.</u>**

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet

'**<u>Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti</u>',** fejn jinghad li "*b'relazzjoni guridika wiehed necesarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha*."

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'</u>** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu,fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.'*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**Camel Brand Co Ltd vs Michael Debono'** deciza fil-1 ta' Marzu 2002 dwar l-istitut ta' Legittimu kontradittur fejn gie ritenut li:

*"Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni"*
Skond is-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet '**Camel Brand Co Ltd vs Debono Michael'**:

*"Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

Illi ghalhekk huwa il-kompitu ta' din il-Qorti sabiex tifli l-provi prodotti mill-partijiet sabiex tara jekk effettivament kienx hemm relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut in vista ta' din l-eccezzjoni.

Il-Qorti semghet lill-attur jixhed nhar l-10 ta' Jannar 2011 u jghid li huwa kien kera il-hanut tieghu numru 39, Triq il-Granmastri, M'Scala lill-konvenut u skond l-ftehim datat

3ta' Frar 2010 esebit fl-atti a fol. 2 tal-process u ffirmat minnu, il-konvenut ghandu jaghtih is-somma ta' tlett elef, hames mija w sittin Ewro (€3,560) rapprezentanti l-kera dovuta fuq il-hanut. L-attur ipprezenta ukoll dokument iehor li gie markat bhala Dok AM li jindika l-istokk li kien hemm fil-hanut qabel ma gie imwilli lill-konvenut, liema stokk kien jappartjeni lill-attur u li permezz ta' dan l-att gie mibjugh lill-konvenut. Ipprezenta wkoll il-kont mibghut lilu minn ARMS Ltd dwar il-kont tad-dawl u ilma fuq il-hanut fl-ammont ta' disgha mija w sitta w disghin Ewro w wiehed u hamsin centezmu (€996.51) li jkopri l-perjodu bejn Gunju 2009 u Frar 2010 liema perjodu huwa dak tal-kirja tal-hanut. L-attur cahad dak li gie suggerit mill-konvenut li in effetti l-hanut kien gie mikri lil Ritan Grima u kkonferma li l-konvenut ghadu debitur tieghu fl-ammont mitlub fir-rikors promotur.

Ritan Grima minn naha l-ohra tikkonferma li hija qatt ma kriet hanut minghand l-attur izda waqt li kienet is-siehba tal-konvenut kienet ghamlitlu tajjeb mal-Bank sabiex huwa ottjena xi loans sabiex ikun jista' jopera n-negozju li kien ha u in oltre ma kellhiex oggezzjoni lanqas li l-licenjza tat-Trading License tohrog f'isimha kif muri fid-dokument esebit a fol. 40 (Dok FG5) et seq u kkonfermat ukoll li kienet tat il-VAT number taghha lill-konvenut sabiex ikun jista' juzah biex jopera bih peress kif stqarret hi a fol. 61 l-konvenut kellu xi problemi mad-Dipartiment tal-VAT. Dan nonostante pero' tghid li hija ma kellha x'taqsam xejn mal-gestjoni tal-hanut. Ritan Grima esebiet numru ta' dokumenti sabeix jindikaw ir-relazzjoni li kellu l-konvenut ma' l-attur fuq l-hanut mertu tal-kawza u cioe' l-ftehim li kien iffirma l-konvenut mas-socjeta' Melita dwar it-telefon installat f'ismu fil-hanut, komunikazzjoni li giet mibghuta minn Maltco Ltd lill-konvenut fl-indirizz tal-hanut moghti minnu lilha, komunikazzjoni minghand l-ETC rigward xi penali li huwa kellu jhallas fuq xi impjegati li kellu fil-hanut, il-kuntratt li l-konvenut kellu ma' Simmonds Farsons Cisk PLC dwar loan ta' vending machine installat fil-hanut mikri lilu, fattura mahruga mis-socjeta' Calypso Manufacturing Limited dwar ix-xiri ta' canopy ghal hanut, ftehim li l-konvenut kellu mas-socjeta' British American Tobacco (Malta) Limited ghall-installazzjoni ta' vending machine tas-sigaretti fil-hanut fejn f'dan il-ftehim jidher li huwa

deher f'isem il-hanut Inspirations, cioe' dak mertu tal-kawza, u ftehim iehor iffirmat minnu maghruf bhala credit agreement li kellu l-konvenut ma' Monte Kristo Vineyards Ltd sabiex ibiegh il-birra 'Caqnu' ta' din is-socjeta'.
Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li l-konvenut kien l-inkwilin tal-hanut u li in segwitu huwa l-legittimu kontradittur ta' l-attur, filwaqt li huwa minnu wkoll li l-kjamata in kawza Ritan Grima ma kellhiex relazzjoni guridika ma' l-attur u konsegwentement l-eccezzjoni taghha li l-azzjoni fil-konfront taghha hija vessatorja u infondata ghandha mis-sewwa u ghandha tigi milqugha.

Issa hi fil-fatt gurisprudenza pacifika illi min jallega l-pagament ghandu jipprovah ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti (Vol**. XL1X p11 p 776**). Fid-dubju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (**Vol.XXXV11 p1 p 525**), jekk ma jigix pruvat – kif del resto ma sarx f'dan il-kaz – b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (**Vol. XXXV p 111 p 604; <u>Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe</u>**, Appell ,28 ta' Jannar 2000).
Naturalment l-attur li jallega d-debitu ghandu, fl-ewwel lok u dejjem, l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju '*actor non probante reus absolvitur'.*
Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc nhar is-26 ta' Jannar 1976 fl-ismijiet **'<u>Avv. John Buttigieg noe vs Joseph Porteli noe'</u> "***Il-piz tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur li jallegah. Prova din li hi jista jaghmel b'kull mezz billi l-produzzjoni ta' ricevuta mhiex dispensabbli u jistghu jingiebu provi ohra konvincenti."*
M'hemmx dubju li l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu qed jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu.
Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Mejju 1970 fl-ismijiet '**<u>Manuel zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri'</u>** u kkonfermat fis-sentenza moghtija mil-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri per Onor. Imh Philip Sciberras) nhar id-19 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet '**<u>Maltacom p.l.c vs Kurt Galea Pace':</u>**

**‘***F’kaz ta’ konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur l-esigibilita’ u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju actore non probante reus absolvitur. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor reus in excipiendo fit actor, ghax jerga jinghad***,** *l-oneru centrali tal-akkuza jiqa’ fuqu. Altrimenti f’kull kaz ta’ konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa sospiza fi stat ta’ dubju jekk hemmx debitu.”*

Dwar il-mertu l-attur ikkonferma li l-konvenut ghadu debitur tieghu fl-ammont mitlub minnu fir-rikors promotur kif spjegat aktar ‘l fuq. Il-konvenut fl-ebda hin ma ttenta jghid li din is-somma pretiza mill-attur mhix dovuta jew mhix gustifikata u ma gab l-ebda prova sabiex jikkontradixxi dak li stqarr l-istess attur. Il-konvenut kien aktar interessat sabiex jghid li kienet l-kjamata in kawza li kienet responsabbli ghal gestjoni tal-hanut milli sabiex jipprova jikkonvinci lill-Qorti li dak mitlub minnu qua s-somma indikata fir-rikors promotur fl-ammont ta’ hamest elef, mitejn u tmienja w ghoxrin Ewro w sitta w hamsin centezmu (€5,228.56) ma kinitx dovuta minnu.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-kjamata in kawza Ritan Grima u qeghda tilliberha mill-osservanza tal-gudizzju; qeghda tilqa’ it-talba ta’ l-attur u tichad l-ewwel (1) u t-tielet (3) eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Farrugia peress illi t-tieni (2) eccezzjoni kienet gja giet trattata u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma imsemmija fir-rikors promotur fl-ammont ta’ hamest elef, mitejn u tmienja w ghoxrin Ewro w sitta w hamsin centezmu (€5,228.56) bl-imghax mid-data ta’ l-ittra ufficcjali datata 9 ta’ April 2010 .**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza u dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 9 ta’ April 2010 u tal-mandat ta’ sekwestru datat 9 ta’ April 2010 huma wkoll a karigu tal-konvenut Mario Farrugia.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------